# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## RAKKOMANDAZZJONI Nru 1/2019 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-PLO

**tal-31 ta' Jannar 2019**

**li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP [2019/223]**

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-PLO,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra ([1]),

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim") ġie ffirmat fl-24 ta' Frar 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1997.

(2) Skont l-Artikolu 63 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim, il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.

(3) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt jipprevedi l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir dan.

(4) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP bi tliet snin se tagħti l-opportunità lill-Partijiet biex fis-snin li ġejjin ikomplu jagħmlu progress fil-kooperazzjoni tagħhom, inkluż permezz tal-possibbiltà li jiġu negozjati prijoritajiet ta' sħubija,

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

*Artikolu 1*

Il-Kumitat Konġunt, permezz ta' proċedura bil-miktub, jirrakkomanda li l-Pjan ta' Azzjoni UE-AP jiġi estiż bi tliet snin mid-data tal-adozzjoni tal-estensjoni.

*Artikolu 2*

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Jannar 2019.

*Għall-Kumitat Konġunt UE-PLO*

*Il-President*

Kherieh RASSAS

---

([1]) ĠU L 187, 16.7.1997, p. 3.